## INRODDU ĦAJR LIL ALLA

**L-EWWEL QARI**
**Qari mit-Tieni Ktieb tas-Slaten.**
**2 Slat 5, 14-17**

F'dak iż-żmien: Nagħman ta' Aram niżel fil-Ġordan u għodos seba' darbiet bħalma qallu Eliżew, il-bniedem ta' Alla, u ġismu reġa' sarlu qisu l-ġisem ta' tfajjel żagħżugħ, u ndaf mill-ġdiem tiegħu.
U rega' lura għand il-bniedem ta' Alla, hu u kull min kellu miegħu, daħal, waqaf quddiemu u qallu: "Ara, issa naf, iva, li m'hemmx Alla ieħor fl-art kollha ħlief f'Israel. Ilqa' nitolbok, dan ir-rigal mingħand il-qaddej tiegħek.'' U qallu Eliżew: "Daqs kemm hu ħaj il-Mulej li lilu naqdi, jien ma nieħu xejn.'' U ma ħadhulux, għad li l-ieħor issikah ħafna.
Għalhekk Nagħman qallu: La ma tridx, nitolbok li tingħata lill-qaddej tiegħek medda art kemm jaħartu żewġ bgħula f'jum; għax il-qaddej tiegħek mhuwiex se jagħmel iżjed sagrifiċċji tal-ħruq u offerti lil allat oħra jekk mhux lill-Mulej.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 97**
**Il-Mulej għarraf is-salvazzjoni lill-ġnus.**

Għannu lill-Mulej għanja ġdida,
għax għamel l-għeġubijiet;
ġibitlu r-rebħa l-leminija tiegħu
u d-driegħ imqaddes tiegħu.

**R/. Il-Mulej għarraf is-salvazzjoni lill-ġnus.**

Għarraf il-Mulej is-salvazzjoni tiegħu,
f'għajnejn il-ġnus wera l-ġustizza tiegħu,
ftakar fi tjubitu u fil-fedelta' tiegħu
għal dar Israel.

**R/. Il-Mulej għarraf is-salvazzjoni lill-ġnus.**

Raw it-truf kollha ta' l-art
is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.
Għajtu bil-ferħ lill-Mulej fl-art kollha,
infexxu fil-hena, ifirħu u għannu!

**R/. Il-Mulej għarraf is-salvazzjoni lill-ġnus.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu lil Timotju.**
**2 Tim 2, 8-13**

Għażiż: Ftakar f'Ġesu' Kristu, li qam minn bejn il-imwiet, li hu min-nisel ta' David, skond il-Bxara t-Tajba li ħabbart jien. Għalih jien qiegħed inbati sa l-irbit tal-ktajjen bħallikieku kont xi ħati miil-agħar. Imma l-kelma ta' Alla mhijiex marbuta. Għalhekk kollox nieħu bis-sabar għall-imħabba ta' dawk li huma magħżulin, biex huma wkoll jiksbu s-salvazzjoni, li hi ta' sebħ għal dejjem fi Kristu Ġesu'.
Din hi kelma ta' min joqgħod fuqha: Jekk aħna mitna miegħu, għad ngħixu miegħu wkoll: jekk insofru bis-sabar; għad insaltnu miegħu wkoll; jekk niċħduh, hu jiċħadna wkoll; jekk nonqsu mill-kelma li tajna, hu jibqa' jżomm kelmtu, għax hu ma jistax iqarraq bih innifsu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**
Il-kelma ta' Alla hija ħajja u qawwija,
u tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb.
**Hallelujah.**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa.**
**Lq 17, 11-19**

Ġara li Ġesu', huwa u sejjer lejn Ġerusalem, għadda minn bejn is-Samarija u l-Galilija. Kif kien dieħel f'raħal, iltaqgħu miegħu għaxart irġiel imġiddma. Waqfu l-bogħod minnu, refgħu leħenhom u qalulu: "Ġesu' Mgħallem, ikollok ħniena minna.'' Kif rahom, qalilhom: "Morru uru rwieħkom lill-qassisin.'' U ġara li, huma u sejrin, indafu mill-ġdiem.
Wieħed minnhom, kif ra ruħu mfejjaq, reġa' lura jgħajjat u jfaħħar lil Alla, inxteħet wiċċu fl-art f'riġlejn Ġesu' u raddlu ħajr. Issa dan kien Samaritan. U Ġesu' qabad u qal: "Mhux il-għaxra tnaddfu mill-ġdiem? Fejn huma d-disgħa l-oħra? Ħadd minnhom ma nstab rieġa' lura biex jagħti glorja lil Alla ħlief dan il-barrani!''
Imbagħad qallu: "Qum, mur: il-fidi tiegħek fejqitek.''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**